MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 467/2003

**Clayton Communications Company Limited (C23885)**

**vs**

**Chas Limited (C8451)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,686.95) oltre l-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva mahruga f'Ottubru, 1999, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' produzzjoni u stampar ta' katalgu tal-prodotti tad-ditta Thatcham maghmul mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Lulju, 2003 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat

kontestwalment ma’ l-Avviz, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-27 ta’ Ottubru, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------